VERŻJONI ELETTRONIKA



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2011 u miżuri amministrattivi oħra.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2011 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. Titolu fil-qosor.

## TAQSIMA I

**2.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2011. Bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima.

**3.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "dħul" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, imma ma tinkludix dħul li jkun ġej minn self. Tifsir. Kap. 174.

**4.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor f'Malta, b'self, somma ta' flus ta' mhux iżjed minn ħames mija u sebgħin miljun euro. Awtorità li jinġabar self.

(2) Għall-fini li tinġabar dik is-somma hawn qabel imsemmija, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi hu b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta taħt id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet hekk kif l-istess Ministru jista' japprova. Kap. 161.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Skop.

**5.** Flejjes imsellfin taħt l-awtorità ta' din it-Taqsima għandhom ikunu approprjati u applikati għall-iskop li:

(a) jitħallsu l-ispejjeż li jeċċedu d-dħul li jsiru fil-Fond Konsolidat matul is-sena 2011 u, jew snin sussegwenti;

(b) jiġu mifdija *stocks* reġistrati li għandhom jiġu mifdija matul l-2011;

(ċ) jitħallas lura is-self mill-bank li kien oriġinarjament mogħti lill-Gvern ta' Malta sabiex jieħu fuqu r-responsabbiltà dwar il-passiv tas-self f'isem il-Korporazzjoni Malta Drydocks; u

(d) jiġu effettwati bidliet fil-*portfolio* fir-rigward ta' ammonti li jinġabru permezz ta' *Bills* tat-Teżor, ammonti miġbura permezz ta' *Stocks* tal-Gvern, u rigward self li jinġabar minn barra minn Malta hekk kif u meta dan ikun meħtieġ b'konformità mal-politika tal-Gvern dwar l-immaniġġar tad-dejn.

## TAQSIMA II

Emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap.123.

**6.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru tal-Finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipal.

**7.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu (2) tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "pitrolju" għandu jidħol dan li ġej:

" "pitrolju" tfisser żejt mhux maħdum tkun xi tkun id-densità tiegħu, gass naturali u *hydrocarbons* u sustanzi oħra li jistgħu jittieħdu minnu;";

(b) minnufih wara t-tifsira "skema ta' investment kollettiv" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"soċjetà ta' proprjetà" għandha tfisser soċjetà kif imfissra fl-artikolu 5(1)(b) li għandha proprjetà immobbli

VERŻJONI ELETTRONIKA



sitwata f'Malta, jew xi drittijiet reali fuq dik il-proprjetà, jew soċjetà li għandha, direttament jew indirettament, ishma jew interessi ta' proprjetà f'xi entità jew persuna li għandhom proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet reali fuq dik il-proprjetà, meta ħamsa fil-mija jew aktar mill-valur totali ta' dawk l-ishma jew interessi oħra ta' proprjetà hekk miżmuma tkun attribwibbli għal dik il-proprjeta immobbli jew dawk id-drittijiet:

Iżda meta soċjetà, entità jew persuna li jkollhom sengħa jew negozju, ikollhom proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet fuq dik il-proprjetà, li tikkonsisti biss f'fabbrika, *showroom*, maħżen jew uffiċċju li jintuża biss biex ikunu jistgħu jwettqu dik is-sengħa jew negozju, dik is-soċjetà, entità jew persuna għandhom, għall-finijet ta' din it-tifsira, jitqiesu li m'għandhomx proprjetà immobbli jekk m'għandhomx iżjed minn ħamsin fil-mija tal-valur tal-attiv li jikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet reali fuq dik il-proprjetà, u ma jwettqux xi attività li l-*income* minnha jkun derivat direttament jew indirettament minn proprjetà immobbli sitwata f'Malta;".

**8.** L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "fis-subartikolu (13)(b)(ii)." għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (13)(b)(ii);", u minnufih wara għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(v) qligħ jew profitt li jinqala' mit-trasferiment tas-sjieda jew l-użufrutt ta', jew mit-trasferiment jew ċessjoni ta', xi drittijiet fuq xi interess f'soċjetà. Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, "trasferiment" tfisser:

(a) trasferiment ta' interess sħiħ jew parzjali u kull trasferiment ta' kull interess sħiħ jew parzjali bħal dak f'soċjetà; u

(b) trasferiment imsemmi ta' interess f'soċjetà. Meta persuna takkwista jew iżżid sehem f'soċjetà jitqies li jkun hemm trasferiment imsemmi tal-interess fis-soċjetà

VERŻJONI ELETTRONIKA



lejn dak is-soċju mis-soċji l-oħra;" u

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minnufih qabel it-tifsira "trasferiment", għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "sehem f'soċjetà" tfisser is-sehem li persuna tkun intitolata għalih fl-*income* tas-soċjeta u fl-attiv disponibbli għad-distribuzzjoni fi stralċ tas-soċjetà;

"soċjetà" tfisser soċjetà kummerċjali *en nom collectif*, jew soċjetà kummerċjali *en commandite* li l-kapital tagħha mhuwiex maqsum f'ishma u, ħlief għall-finijiet tas-subparagrafu (v)(b), għandha tinkludi kull soċjetà oħra li jkollha personalità ġuridika distinta minn dik tas-soċji tagħha ħlief soċjetà kummerċjali *en commandite* li għandha l-kapital tagħha maqsum f'ishma;";

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3A) Għall-fini tal-aċċertament tal-qligħ jew profitt li jsir minn xi trasferiment ta' proprjetà skond is-subartikolu (1)(a)(v):

(a) l-ammont minfuq fl-akkwist f'kull waħda miċ-ċirkostanzi msemmija f'dan il-paragrafu għandu, bla ħsara għal xi aġġustamenti li jistgħu jkunu preskritti, jiġi determinat kif ġej:

(i) l-ammont minfuq fl-akkwist ta' interess akkwistat minn soċju eżistenti għandu jkun il-prezz attwali tax-xiri;

(ii) l-ammont minfuq fl-akkwist ta' interess akkwistat *causa mortis* għandu jkun l-anqas bejn il-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment *causa mortis* u l-prezz li dak l-interess kien jikseb li kieku ġie mibjugħ fis-suq fil-miftuħ fid-data tal-akkwist;

(iii) l-ammont minfuq fl-akkwist

VERŻJONI ELETTRONIKA



ta' interess akkwistat permezz ta' kontribuzzjoni ta' natura kapitali magħmula lis-soċjetà għandu jkun l-ammont jew il-valur ta' dik il-kontribuzzjoni;

(iv) l-ammont minfuq fl-akkwist ta' interess li jirriżulta mit-tibdil ta' kumpannija għal soċjetà kif imsemmi fl-artikolu 45A għandu jkun l-ammont minfuq fl-akkwist ta' ishma 9li jirrappreżentaw dak l-interess) miżmuma fil-kumpannija li tkun ġiet mibdula għas-soċjetà msemmija:

Iżda meta l-ishma msemmija jikkonsistu f'ishma li l-profitt minnhom huwa limitat għal rata fissa ta' profitti, l-ammont minfuq fl-akkwist għandu jitqies bħala żero; u

(b) kull trasferiment li jikkonsisti fi tpartit għandu jitqies bħallikieku jkunu qed isiru żewġ trasferimenti separati; u

(ċ) id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)(d), (e), u (f) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan is-subartikolu."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6A) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(a)(v) m'għandhomx japplikaw għal qligħ jew profitti li għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà trasferita fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (5)(e) u (f).".

**9.** Fil-paragrafu (i) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 5A tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew xi disposizzjoni oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi jew xi liġi oħra." għandhom jidħlu l-kliem "jew xi disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi jew xi liġi oħra;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

Emenda tal-artikolu 5A tal-Att prinċipali.

"(j) trasferiment ta' proprjetà li tikkonsisti f'dar ta' abitazzjoni minn kumpannija lill-azzjonista tagħha jew lil individwu li hu qarib tal-azzjonista tagħha fil-kors ta' distribuzzjoni ta' attiv bħala riżultat ta' skema distribuzzjoni, meta dak l-azzjonista ikun individwu jew il-konjuġi tiegħu, li

jkun il-proprjetarju jew ikunu l-proprjetarji tas-sehem kapitali kollu (mingħajr ma jitqies li wieħed ikollu sehem wieħed bl-ebda drittijiet preferenzjali) tal-imsemmija kumpannija li tittrasferixxi l-proprjeta kif imsemmi qabel. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu individwu jkun qarib tal-azzjonijista msemmi jekk dak l-individwu jkun l-konjuġi tiegħu, dixxendent jew axxendent f'linja diretta, jew tal-konjuġi ta' dak id-dixxendent jew l-axxendent:

Iżda dan il-paragrafu għandu japplika biss meta dak l-imsemmi azzjonista kien il-proprjetarju tas-sehem kapital kollu tal-kumpannija li tittrasferixxi l-proprjetà għal perjodu ta' għallinqas ħames snin qabel id-data tat-trasferiment tal-proprjetà kif imsemmi qabel jew mid-data meta ġiet inkorporata l-imsemmija kumpannija, jekk il-perjodu huwa iqsar:

Iżda wkoll meta jsir trasferiment sussegwenti tal-proprjetà msemmija mill-azzjonijsta msemmi jew individwu qarib fi żmien seba' snin wara d-data tal-akkwist tagħha mill-kumpannija, il-kost u d-data tal-akkwist ta' dik il-proprjetà għandhom, meta min jittrasferixxi jagħżel li jeskludi t-trasferiment mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, ikunu l-kost oriġinali u d-data hekk kif akkwistata mill-kumpannija u jekk jinqabeż il-perjodu msemmi ta' seba' snin id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3)(b) m'għandhomx japplikaw għall-imsemmi trasferiment sussegwenti:

Iżda wkoll dan il-paragrafu għandu japplika biss meta l-proprjeta msemmija tkun tappartjeni bħala attiv kapitali lill-kumpannija u tkun ilha hekk tappartjeni għal perjodu minimu ta' ħames snin qabel id-data tal-imsemmi trasferiment tal-proprjetà kif imsemmi qabel jew mid-data li fiha ġiet inkorporata l-kumpannija msemmija, jekk ikun perjodu iqsar, u l-kumpannija ma tkunx għamlet negozju fi proprjetà f'ebda ħin waqt dak il-perjodu msemmi.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

**10.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "poloz ta' l-assigurazzjoni *linked long term* u ta' xi azzjonijiet jew sigurtajiet f'kumpannija" għandhom jidħlu l-kliem "poloz tal-assigurazzjoni *linked long term*, ta' xi interess f'soċjetà li ma tkunx soċjetà ta' proprjetà u ta' xi azzjonijiet jew sigurtajiet f'kumpannija"; u

(b) il-paragrafu (p) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li

VERŻJONI ELETTRONIKA



ġej:

"(p) kull dividend imħallas minn kumpannija li s-sors ewlieni tal-*income* tagħha fis-sena rilevanti huwa taxxabbli bir-rata provduta fl-artikolu 56(13) fir-rigward ta' Kuntrattur;".

Sostituzzjoni tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

**11.** L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Profitti mill-produzzjoni tal-pitrolju.

23. (1) Meta xi persuna mqabbda fin-negozju tal-esplorazzjoni ta', u produzzjoni ta', pitrolju (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kuntrattur") tikseb, jew ikollha l-għan li tikseb, qligħ jew profitti permezz ta' Kuntratt ta' *Production Sharing* (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kuntratt") mogħti lil dik il-persuna mill-Gvern ta' Malta bħala liċenza skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum,* l-Att dwar il-Blata Kontinentali u r-Regolamenti dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum,* jew xi disposizzjoni li temenda jew tissostitwixxi l-imsemmija Atti jew Regolamenti, l-*income* taxxabbli ta' dik il-persuna minn dak in-negozju għandu jkun stabbilit kif mfisser f'dan l-artikolu.

Kap. 156.
Kap. 194.
L.S. 156.01.

(2) (a) Il-qligħ jew profitti miksuba mill-Kuntrattur mill-produzzjoni tal-pitrolju għal kull sena bażi, li tkun is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima, għandu jinħadem billi jitnaqqsu l-ispejjeż rekuperabbli kif mfissra fil-Kuntratt li ma jkunux għadhom ġew rekuperati għal kollox mill-Kuntrattur, mit-total tal-valur tal-*cost recovery petroleum* u tas-sehem ta' *profit petroleum,* kif imfissra fil-Kuntratt, allokati lill-Kuntrattur f'dik is-sena, li magħhom għandu jiżdied kull *income* anċillari jew inċidentali f'dik l-istess sena.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(b) Meta wara dak it-tnaqqis kif imsemmi fil-paragrafu (a) ikun għad baqa' xi bilanċ ta' spejjeż rekuperabbli mhux assorbiti, l-ammont ta' dawk l-ispejjeż mhux assorbiti għandu jinġieb 'il quddiem għas-sena suċċessiva u għandu jiżdied mal-ispejjeż rekuperabbli għal dik is-sena u jsir parti minnhom.

(ċ) Il-proċedura msemmija fil-paragrafu (b) għandha tkompli ssir fis-snin sussegwenti sakemm jiġu assorbiti l-ispejjeż rekuperabbli kollha.

(3) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, b'mod partikolari għall-finijiet tas-subartikolu (2), kull Kuntratt għandu jitqies li jikkostitwixxi għajn ta' *income* separat u distint u kull Kuntrattur li jikseb qligħ jew profitti minn iktar minn Kuntratt wieħed ikun suġġett għat-taxxa bħallikieku kien persuna separata u mhux konnessa fir-rigward ta' kull Kuntratt bħal dak.

(b) Meta iktar minn żona waħda tal-pitrolju tkun fi produzzjoni f'*area* li tkun koperta mill-istess Kuntratt, il-qligħ jew profitti minn kull żona bħal dik għandhom jiġu stabbiliti bħallikieku kull żona bħal dik tikkostitwixxi għajn ta' *income* separat u distint li jinqala' minn persuna separata, hekk iżda li l-Kuntrattur ikollu d-dritt li jidentifika ż-żoni fl-imsemmija *area* fejn l-ispejjeż ta' operazzjonijiet ta' żvilupp u esplorazzjoni għandhom jitqiesu fl-iffissar tal-qligħ jew profitti relattivi.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 16 sa 22 m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' xi kumpannija li f'kwalunkwe sena tkun qed topera taħt liċenza msemmija fis-subartikolu (1).

VERŻJONI ELETTRONIKA



(5) (a) Minkejja kull ħaġa mniżżla fl-Atti dwar it-Taxxi, meta sub-kuntrattur mhux residenti jagħti servizzi lil Kuntrattur f'Malta, dak il-Kuntrattur għandu jżomm taxxa bir-rata provduta fl-artikolu 56(13)(b) mill-ħlasijiet magħmula lis-sub-kuntrattur għas-servizzi mogħtija f'Malta u għandu jħallas lill-Kummissarju kull taxxa hekk miżmuma fi żmien tletin jum minn meta jsir it-tnaqqis.

(b) Meta Kuntrattur jonqos milli jnaqqas u jħallas it-taxxa skont il-paragrafu (a), id-disposizzjonijiet tal-artikolu 73(4) ta' dan l-Att u tal-artikolu
Kap. 372. 40(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.

(ċ) It-taxxa miżmuma skont il-paragrafu (a) għandha titqies bħala *final withholding tax* sakemm is-sub-kuntrattur ma jinnotifikax lill-Kummissarju li din it-taxxa għandha titqies bħala pagament ta' taxxa provviżorja li għandha tiġi kreditata kontra r-responsabbilta' tat-taxxa fuq l-*income* taxxabbli tal-imsemmi sub-kuntrattur għal dik is-sena ta' stima rilevanti kalkulata skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(d) In-notifika msemmija fil-paragrafu (ċ) għanda tkun magħmula mhux iktar tard mid-data tal-prospett ta' taxxa tas-sena ta' stima rilevanti u f'dik il-forma li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(6) Ħlief għall-qligħ jew profitti miksuba mill-produzzjoni tal-pitrolju msemmija fis-subartikoli (1) u (2), kull *income* jew *income* hekk meqjus, miksub minn Kuntrattur u suġġett għal taxxa skont xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jkollu mnaqqas minnu l-pagamenti skont l-imsemmija disposizzjonijiet u bir-rati applikabbli, iżda ma jingħatha l-ebda tnaqqis minnu fir-rigward ta' kull telf jew spejjeż mħallsa marbuta mal-esplorazzjoni għal pitrolju jew il-produzzjoni tiegħu.".

Emenda tal-artikolu 56 tal-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 56 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (13) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(13) (a) It-taxxa fuq l-*income* taxxabbli ta' kull persuna magħrufa bħala Kuntrattur skont l-artikolu 23, għandha tkun imħallsa bir-rata ta' 35 ċenteżmu (€0.35) fuq kull euro tal-*income* taxxabbli safejn dak l-*income* ikun ser jiġi kalkolat skont id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2). *Income* ieħor miksub minn Kuntrattur għandu jiġi intaxxat bir-rata jew rati xierqa.

(b) Ir-rata li biha t-taxxa għandha tinżamm minn Kuntrattur fuq pagamenti magħmula lil sub-kuntrattur skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 23(5) għandha tkun ta' 10 ċenteżmi (€0.10) fuq kull euro tal-pagamenti magħmula kif imsemmi qabel."; u

(b) is-subartikoli (14), (15) u (16) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 59 tal-Att prinċipali.

**13.** Fl-artikolu 59 tal-Att priċipali, fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "u minbarra dividend imsemmi fl-artikolu 12(1)(p)" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 76 tal-Att prinċipali.

**14.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 76 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "f'xi liġi oħra:" għandhom jidħlu il-kliem "f'xi liġi oħra.", u l-*proviso* tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 89 tal-Att prinċipali.

**15.** Is-subartikolu (7) tal-artikolu 89 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA



"(7) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx fil-każ ta' qligħ jew profitti msemmija fl-artikolu 23.".

## TAQSIMA III

**16.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuqDokumenti u Trasferimenti. Kap.364.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru tal-Finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

**17.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) it-tifsira "korp ta' persuni" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "korp ta' persuni" tinkludi kull kumpannija, soċjetà, għaqda, soċjetà ta' persuni, jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew korporati sew mhux korporati, u sew jekk ikollhom personalità ġuridika sew jekk le; u

(b) minnufih wara t-tifsira "Kummissarju" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kumpannija" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2(1) fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "residenti f'Malta" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "soċjetà" tfisser soċjetà kummerċjali *en nom collectif* jew soċjetà kummerċjali *en commandite* li l-kapital tagħha mhuwiex maqsum f'ishma u kull soċjetà oħra li għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha ħlief soċjetà kummerċjali *en commandite* li għandha l-kapital tagħha maqsum f'ishma;".

**18.** Minnufih wara l-artikolu 42B tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA



"Taxxa fuq trasferiment ta' interess f'soċjetà.

42Ċ. (1) Taxxa ta' żewġ euro għal kull mitt euro jew parti minnha tal-ammont jew valur ta' dak li jkollu jingħata bi ħlas jew tal-valur reali, skond liema jkun l-ogħla, ta' interess f'soċjetà għandha titħallas:

(a) fuq kull dokument li bih jiġi trasferit interess f'soċjeta, ħlief f'soċjeta barranija, lil, jew minn, persuna residenti f'Malta;

(b) fuq kull trasferiment hekk meqjus, ta' interess f'soċjetà, ħlief f'soċjetà barranija;

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu trasferiment ta' interess f'soċjetà jinkludi trasferiment ta' interess sħiħ jew parzjali u kull trasferiment ta' interess sħiħ jew parjali bħal dak f'soċjetà u l-kliem "soċjetà barranija" ifissru soċjetà li m'għandhiex, direttament jew indirettament, xi proprjetà immobbli sitwata f'Malta jew xi drittijiet reali fuq xi proprjetà bħal dik (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "proprjetà f'Malta") u l-amministrazzjoni u l-kontroll tan-negozju tagħha jiġu eżerċitati barra minn Malta.

Għall-finijiet tal-paragrafu ta' qabel dan, soċjetà tiġi trattata bħala li indirettament ikollha proprjetà f'Malta jekk ikollha, direttament jew indirettament, xi ishma jew interessi f'korp ta' persuni li jkollu preoprjetà f'Malta.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 42(2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan l-artikolu u referenzi għall-kelma "kumpannija", fejn ikunu applikabbli, għandhom jitqiesu bħala referenzi għal "soċjetà" u referenzi għas-"subartikolu (1)" għandhom jitqiesu bħala riferenzi għas-"subartikolu (1) tal-artikolu 42Ċ".

VERŻJONI ELETTRONIKA



(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) meta persuna takkwista jew iżżid sehem f'soċjetà, għandu jitqies li jkun hemm trasferiment ta' interess fis-soċjetà (lil dak is-soċju u mis-soċji l-oħra). "Sehem f'soċjetà" tfisser is-sehem li għalih persuna tkun intitolata fl-*income* tas-soċjetà u fl-attiv disponibbli għal distribuzzjoni fi stralċ tas-soċjetà:

Iżda dan is-subartikolu għandu japplika biss meta s-soċjetà inkwistjoni tkun soċjetà kummerċjali *en nom collectif* jew soċjetà kummerċjali *en commandite* li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'ishma.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet li hawn f'dan l-Att, il-Ministru jista' jagħmel regoli biex jiddetermina l-metodu tal-kalkolu tal-ammont jew valur taxxabbli fir-rigward ta' trasferiment jew trasferiment hekk meqjus ta' interess f'soċjetà u biex jippreskrivi kull ħaġa li tista' tiġi preskritta fir-rigward ta' trasferiment bħal dak.".

Emenda tal-artikolu 47 tal-Att prinċipali.

**19.** L-artikolu 47 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "il-kondizzjonijiet u d-disposizzjonijiet rilevanti ikunu qegħdin jiġu sodisfatti." għandhom jidħlu l-kliem "il-kondizzjonijiet u d-disposizzjonijiet rilevanti ikunu qegħdin jiġu sodisfatti:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull deċiżjoni bħal dik li ssir fir-rigward ta' kumpannija li taqa' taħt is-subartikolu (3)(ċ), għandha, safejn tkun għadha valida fil-31 ta' Diċembru, 2010, titqies, mill-1 ta' Jannar, 2011, li tkun deċiżjoni magħmula fir-rigward ta' kumpannija li taqa' taħt is-subartikolu (3)(e)."; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (10) tiegħu minflok il-kliem "f'kumpannija li l-attiv tagħha jkun jikkonsisti għal kollox jew prinċipalment fi proprjetà immobbli li tkun tinsab ġewwa Malta" għandhom jidħlu l-kliem " "kumpannija ta' proprjetà" kif imfissra fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*".

VERŻJONI ELETTRONIKA



## TAQSIMA IV

Emendi tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur. Kap.368.

**20.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2011.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**21.** Fit-tifsira "vettura b'għan speċjali" fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "u jikkomprendu dawk elenkati fl-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "u hi kklassifikata taħt l-Ewwel Skeda".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

**22.** Fil-verżjoni bil-Malti tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur fil-kategorija M1 ġdida, *motor cycle*, *quad bike*," għandhom jidħlu l-kliem "Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata fil-kategorija M1, *motor cycle*, *quad bike*;".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

**23.** Minflok il-proviso għas-subartikolu (3)(i) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda l-vettura trid tkun ilha reġistrata f'isem dik il-persuna jew f'isem il-konjuġi għal mill-inqas erbgħa u għoxrin xahar konsekuttivi fil-ħin tat-trasferiment tar-residenza lejn Malta u dik il-persuna tkun ilha toqgħod barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas erbgħa u għoxrin xahar fil-ħin tat-trasferiment tar-residenza lejn Malta:

Iżda wkoll meta vettura bil-mutur tinġieb jew tiġi imputata f'Malta mhux aktar minn sitt xhur qabel il-ħin tat-trasferiment tar-residenza mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza, dik il-vettura tikkwalifika għall-eżenzjoni jekk l-imsemmija vettura u l-persuna li tkun qed tittrasferixxi r-residenza tagħha jissodisfaw il-kundizzjonjiet preskritti f'regolamenti li jsiru taħt dan l-Att:

Iżda wkoll dik il-persuna ma tridx tkun ingħatat eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni fir-rigward ta' vettura bil-mutur oħra fit-tmien snin ta' qabel.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

**24.** L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali li hemm miegħu minflok il-kliem

VERŻJONI ELETTRONIKA



"fl-2008 u fl-2009" għandhom jidħlu l-kliem "fl-2010";

(b) is-subartikoli (1), (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru;

(ċ) is-subartikolu (4) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ u għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "sad-9 ta' Novembru, 2009" għandhom jidħlu l-kliem "sal-25 ta' Ottubru, 2010"; minflok il-kliem "l-1 ta' Diċembru, 2009" għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Diċembru, 2010"; u minflok il-kliem "l-1 ta' Jannar, 2010" għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Jannar, 2011";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "l-1 ta' Jannar, 2010" għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Jannar, 2011";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "id-9 ta' Novembru, 2009" għandhom jidħlu l-kliem "il-25 ta' Ottubru, 2010", u minflok il-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2009", kull fejn dawn jidhru, għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2010"; u

(iv) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "id-9 ta' Novembru, 2009" għandhom jidħlu l-kliem "il-25 ta' Ottubru, 2010", minflok il-kliem "l-1 ta' Jannar, 2010", kull fejn dawn jidhru, għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Jannar, 2011", u minflok il-kliem "sal-31 ta' Ottubru, 2010" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Ottubru, 2011".

**25.** Minflok il-Kategorija A tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

"Kategorija A: vetturi N1, N2 u N3, vetturi użati għal għan speċjali u *tractor units*

Vetturi N1, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

| Euro *standard* l-aktar reċenti | |
|---|---|
| vettura b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 0.40 + *cc* x 0.45 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 0.45 + *cc* x 0.50 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 0.50 + *cc* x 0.55 x €1 |

VERŻJONI ELETTRONIKA



| | |
|---|---|
| Euro *standard* l-aktar reċenti -1 | |
| vettura b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 1.00 + *cc* x 1.10 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 1.10 + *cc* x 1.20 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 1.20 + *cc* x 1.30 x €1 |
| Euro *standard* l-aktar reċenti -2 | |
| vettura b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 6.00 + *cc* x 6.00 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 7.00 + *cc* x 7.00 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 8.00 + *cc* x 8.00 x €1 |
| Euro *standard* l-aktar reċenti -3 jew inqas | |
| vettura b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 25.00 + *cc* x 25.00 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 27.00 + *cc* x 27.00 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 30.00 + *cc* x 30.00 x €1 |

Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

| | |
|---|---|
| Euro *standard* l-aktar reċenti u Euro *standard* l-aktar reċenti -1 | |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | 0 |
| Euro *standard* l-aktar reċenti -2 | |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | Kg x 5.00 + *cc* x 7.00 x €1 |
| Euro *standard* l-aktar reċenti -3 jew inqas | |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | Kg x 12.00 + *cc* x 15.00 x €1 |
| | |

Vetturi N3, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

| | |
|---|---|
| Euro *standard* l-aktar reċenti l-aktar reċenti u Euro *standard* l-aktar reċenti -1 | |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 | 0 |
| Euro *standard* l-aktar reċenti -2 | |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg | Kg x 2.10 + *cc* x 2.50 x €1 |

| | |
|---|---|
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg | Kg x 2.70 + *cc* x 3.50 x €1 |
| Euro *standard* l-aktar reċenti -3 jew inqas | |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg | Kg x 9.00 + *cc* x 12.00 x €1 |
| vettura b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg | Kg x 10.00 + *cc* x 13.00 x €1 |

Formula tar-rata tat-taxxa:

Meta jiġu applikati t-tabelli rilevanti hawn qabel, l-ammont totali tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għandu jkun daqs is-somma totali tal-massa massima awtorizzata (kg) ta' vettura bil-mutur multiplikata bil-figura indikata u ċ-ċilindrata (*cc*) tal-magna tal-vettura multiplikata bil-figura indikata multiplikati b'€1, multiplikat bid-differenza bejn 100% u l-perċentwali meħud f'daqqa magħmul mill-perċentwali tad-deprezzament totali kull sena kif speċifikat fit-tabella hawn taħt, magħduda miegħu 0.5% għal kull 10,000 kilometru li jkunu jidhru fuq l-odometru tal-vettura:

{[(kg x Y) + (cc x Y)] x €1} x {100%-[Y% tad-deprezzament totali ta' kull sena + 0.5% għal kull 10,000 kilometru]}

Iżda l-valur depprezzat massimu tal-vettura bil-mutur f'din il-kategorija ma għandux jeċċedi 95%, u meta jintlaħaq dan il-valur ma jsir ebda tnaqqis ieħor.

Deprezzament skont l-età tal-vettura

| Sena | Deprezzament kull sena | Deprezzament totali |
|---|---|---|
| 0 | 12% | 12% |
| 1 | 14% | 26% |
| 2 | 19% | 45% |
| 3 | 5% | 50% |
| 4 'il quddiem | 5% | 55% |
| 5 | 5% | 60% |
| 6 | 5% | 65% |
| 7 | 5% | 70% |
| 8 | 5% | 75% |
| 9 | 5% | 80% |
| 10 | 5% | 85% |
| 11 | 5% | 90% |
| 12 | 5% | 95% |
| 13 'il quddiem | Mhux disponibbli | 95% |

VERŻJONI ELETTRONIKA



Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, meta vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija (N1, N2 u N3), jew vetturi b'għan speċjali jew *tractor unit*, li s-sena tal-manifattura tagħhom hi waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għal Euro *standards*, ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt Euro *standards* differenti:

| | Sa u kompriża Euro 2 / II | Euro 3 / III | Euro 4 / IV | Euro 5 / V u aktar |
|---|---|---|---|---|
| N1 | Sa u inkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2010 | mill-2011 |
| N2 | Sa u inkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2008 | mill-2009 |
| N3 | Sa u inkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2008 | mill-2009 |

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku akkreditat fi Stat Membru, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qiegħda tiġi reġistrata, tiġi intaxxata r-rata li tappartjeni lill-Euro *standard* li jkun ekwivalenti għaliha.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**26.** It-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fl-intestatura tagħha minflok il-kliem "kwadriċikletti u *motor cycles* u kwadriċikletti (inklużi vetturi elettriċi u vetturi elettriċi ibridi)" għandhom jidħlu l-kliem "kwadriċikletti, *motor cycles* u *quad bikes* (inklużi vetturi elettriċi u vetturi elettriċi ibridi)";

(b) minflok il-kliem "Kategorija A: Vetturi bil-mutur M1 (inklużi vetturi li jkunu ser jiġu reġistrati biex jintużaw bħala *taxicars*, vetturi *self-drive* u vetturi misjuqa minn *chauffeur*), *motor cycles*, kwadriċikletti u *quad bikes*, kemm jekk huma ġodda jew użati:" għandhom jidħlu l-kliem "Kategorija A: Vetturi bil-mutur M1 (inklużi vetturi li jkunu ser jiġu reġistrati biex jintużaw bħala *taxicars*, vetturi *self-drive* u vetturi misjuqa minn *chauffeur*), kemm jekk huma ġodda jew użati:";

(ċ) fil-paragrafu (5) taħt l-intestatura "Formula tar-rata tat-taxxa", minflok il-kliem "20%" għandhom jidħlu l-kliem "30%"; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



(d) minflok il-partita 2 tal-Kategorija F tagħha, għandu jidħol dan li ġej::

"2. Vetturi bil-mutur M2 u M3, kompriżi ferroviji mingħajr linji u vetturi bil-mutur anfibji

| | Euro *standard* l-aktar reċenti -3 u qablu | Euro *standard* l-aktar reċenti -2 | Euro *standard* l-aktar reċenti u Euro *standard* l-aktar reċenti -1 |
|---|---|---|---|
| M2 | Kg x 12.00 + *cc* x 15.00 x €1 | Kg x 1.50 + *cc* x 2.40 x €1 | 0 |
| M3 | Kg x 10.00 + *cc* x 12.00 x €1 | Kg x 2.20 + *cc* x 2.60 x €1 | 0 |

Fir-rigward tal-ammonti totali ta' taxxa tar-reġistrazzjoni li wieħed jasal għalihom bl-użu tal-formuli hawn qabel, dawn għandhom jiġu multiplikati bid-differenza bejn 100% u l-perċentwali meħud f'daqqa magħmul mill-perċentwali tad-deprezzament totali kull sena kif speċifikat fit-tabella intitolata "Deprezzament skont l-età tal-vettura" fil-Kategorija A tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, magħduda miegħu 0.5% għal kull 10,000 kilometru li jkunu jidhru fuq l-odometru tal-vettura.

Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, meta vetturi M2 jew M3, li s-sena tal-manifattura tagħhom hi waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għal Euro *standards*, ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt Euro *standards* differenti:

| | Sa u kompriża Euro II | Euro III | Euro IV u aktar |
|---|---|---|---|
| M2 | Sa u inkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 'il quddiem |
| M3 | Sa u inkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 'il quddiem |

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku akkreditat fi Stat Membru, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qiegħda tiġi reġistrata, tiġi ntaxxata r-rata li tappartjeni lill-Euro *standard* li jkun ekivalenti għaliha.".

**27.** Minflok il-partita 16 tar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Emenda tatr-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

"16. Għall-użu ta' vetturi bil-mutur elettriċi, kompriżi *motor cycles* ........................................................................ €0".

VERŻJONI ELETTRONIKA



## TAQSIMA V

Emendi tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap.372.

**28.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipal.

**29.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali, il-kliem "jista’ jispezzjona dawk il-kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jista’ jispezzjona dawk il-kotba, dokumenti, kontijiet, prospetti u *data* elettronika", u l-kliem "jistabbilixxi dak il-valur iżda ma jkollu ebda setgħa taħt dan l-artikolu li jaqbad u jieħu xi ħaġa minn dak il-post:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jistabbilixxi dak il-valur:".

Emenda tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

**30.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, il-kliem "tidwir jew mezz ieħor ta’ qerq," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tidwir jew mezz ieħor ta’ qerq; jew";

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(f) ikollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi oġġett biex jintuża għall-fini ta’ jew b’rabta ma’ tibdil, qerda, tħassir jew ħabi ta’ xi informazzjoni, *records* jew provi li hi taf jew raġonveolment mistennija li taf li huma rilevanti għal xi fini ta’ dan l-Att; jew

(g) tagħmel, taddotta, tipprovdi jew toffri li tipprovdi xi oġġett li hi tkun taf li hu disinjat jew adattat għal użu sabiex jintuża għal fini ta’ jew b’rabta ma’ tibdil, qerda, tħassir jew ħabi ta’ xi informazzjoni, *records* jew provi li hi taf jew raġonveolment mistennija li taf li huma rilevanti għal xi fini ta’ dan l-Att, jew tkun bi ħsiebha tagħmel użu minnhom biex tikkommetti, jew tassisti fl-għemil ta’ frodi; jew

(h) tibdel, teqred, taħbi, tgħatti, tiffalsifika, jew tagħmel reġistrazzjoni falza f’xi *record*, dokument, *data* elettronika jew oġġett tanġibbli,"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (h), kif miżjud b’dan l-artikolu, il-kliem "tkun ħatja ta’ reat, u, għal kull reat bħal dan, tkun suġġetta, meta tinsab ħatja quddiem Qorti tal-Maġistrati

VERŻJONI ELETTRONIKA



bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, għal multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) u, barra dan, għal tliet darbiet l-ammont tat-taxxa li għaliha l-persuna li t-taxxa tagħha kien hemm il-ħsieb li tiġi evitata jew li tiġi mgħejjuna biex tevita hija suġġetta taħt l-Atti dwar it-Taxxi għas-sena ta' stima li dwarha jew tulha r-reat kien sar, jew għal priġunerija għal xi perijodu mhux itwal minn sitt xhur, jew sew għal dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:

"tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja quddiem Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali -

(i) multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tlett elef u ħames mitt euro (€3,500) fil-każ ta' reat magħmul taħt il-paragrafi (a) sa (d); u

(ii) multa ta' mhux inqas minn sitt elef euro (€6,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal reat magħmul taħt il-paragrafi (e) sa (h),

u, barra dan, għal kull reat kif fuq imsemmi fil-paragrafi (a) sa (h), teħel multa ta' tliet darbiet l-ammont tat-taxxa li għaliha l-persuna li t-taxxa tagħha kien hemm il-ħsieb li tiġi evitata, jew li tiġi mgħejjuna biex tevita, hija suġġetta taħt l-Atti dwar it-Taxxi għas-sena ta' stima li dwarha jew tulha r-reat kien sar, jew għal priġunerija għal xi perijodu mhux itwal minn sitt xhur, jew sew għal dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien.

Għall-finijiet tal-paragrafi (f) u (g) il-kelma "oġġett" tinkludi kull programm jew *data* miżmuma f'format elettroniku.".

**31.** L-artikolu 58 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d); u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħġu, minflok il-kliem "l-Atti u r-regolamenti msemmija; u" għandhom jidħlu l-kliem "l-Atti u r-regolamenti msemmija;", u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) għad-drittijiet li għandhom jitħallsu għar-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' residenza għal skopijiet ta' taxxa u għal applikazzjonijiet għal deċiżjonijiet skont

VERŻJONI ELETTRONIKA



id-disposizzjonijiet tal-artikolu 52 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u".

## TAQSIMA VI

Emendi tal-Att dwar ide-Dazju tas-Sisa. Kap.382.

**32.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fis-26 ta' Ottubru, 2010, ħlief l-artikolu 36(e), li għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2011.

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**33.** L-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih taħt il-partita "Mobile Telephony Services" fil-kolonna "First Column - List of Excise Goods" għandha tiżdied il-partita "Cement"; u

(b) minnufih taħt il-partita "Fifth Schedule" fil-kolonna "Second Column - Relevant Schedule" għandha tiżdied il-partita "Schedule Five A".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**34.** It-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Beer", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€1.50 per hectolitre per degree Plato";

(b) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Beer if produced by small and independent breweries with an annual production not exceeding 200,000 litres", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€0.75 per hectolitre per degree Plato"; u

(ċ) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Products containing a mixture of beer with non-alcoholic drinks", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€0.25 per hectolitre per degree Plato".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**35.** It-Tielet Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

(a) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Cigarettes", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"47.0% of the retail price plus €28.00 per 1000 cigarettes but not less than €120.50 per 1000 cigarettes";

(b) minflok il-kliem li hemm fil-paragrafu 1.b. fil-kolonna "Description of Excise Goods" taħt l-intestatura "Cigarettes", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"A roll of tobacco referred to in paragraph 1.a.i. shall, for excise duty purposes, be considered as two cigarettes where, excluding filter or mouthpiece, it is longer than 8 cm but not longer than 11 cm, as three cigarettes where, excluding filter or mouthpiece, it is longer than 11 cm but not longer than 14 cm, and so on.

Products consisting in whole or in part of substances other than tobacco but otherwise conforming to the criteria set out in sub-paragraph a.i. to iii. above shall be treated as cigarettes and the provisions of this sub-paragraph shall apply thereto.";

(ċ) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Cigars and Cigarillos", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€16.90 per 1000 units";

(d) minflok il-kliem minn "The following shall be deemed to be cigars or cigarillos" sal-kliem "- a wrapper of reconstituted tobacco." taħt l-intestatura "Cigars and Cigarillos" fil-kolonna "Description of Excise Goods" għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"The following shall be deemed to be cigars or cigarillos if they can be and, given their properties and normal consumer expectations, are exclusively intended to be smoked as they are:

i. rolls of tobacco with an outer wrapper of natural tobacco;

ii. rolls of tobacco with a threshed blend

VERŻJONI ELETTRONIKA



filler and with an outer wrapper of the normal colour of a cigar, of reconstituted tobacco, covering the product in full, including, where appropriate, the filter but not, in the case of tipped cigars, the tip, where the unit weight, not including filter or mouthpiece, is not less than 2,3 g and not more than 10 g, and the circumference over at least one third of the length is not less than 34 mm.

Products which consist in part of substances other than tobacco but otherwise fulfil the criteria set out above shall be treated as cigars and cigarillos.";

(e) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Hand-Rolling Tobacco", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€75.40 per kg.";

(f) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Other Smoking Tobacco", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€75.40 per kg.";

(g) minflok il-kliem minn "The following shall be deemed to be smoking tobacco" sal-kliem "set out in indents ( i) and (ii) above shall be treated as smoking tobacco." taħt l-intestatura "Other Smoking Tobacco" fil-kolonna "Description of Excise Goods" għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"The following shall be deemed to be smoking tobacco:

i. tobacco which has been cut or otherwise split, twisted or pressed into blocks and is capable of being smoked without further industrial processing;

ii. tobacco refuse put up for retail sale which does not fall under the definition of cigars and cigarillos or cigarettes and which can be smoked. For the purpose of this paragraph, "tobacco refuse" shall be deemed to be remnants of tobacco leaves and by-products obtained from tobacco processing or the manufacture of tobacco products.

Smoking tobacco as defined above in which more

VERŻJONI ELETTRONIKA



than 25% by weight of the tobacco particles have a cut width of less than 1.5 mm shall be deemed to be fine-cut tobacco for the rolling of cigarettes.

Smoking tobacco in which more than 25% by weight of the tobacco particles have a cut width of 1.5 mm or more and which was sold or intended to be sold for the rolling of cigarettes may also be deemed to be fine-cut tobacco for the rolling of cigarettes.

Products consisting in whole or in part of substances other than tobacco but otherwise conforming to the criteria set out in sub-paragraphs i. and ii. above shall be treated as smoking tobacco.";

(h) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Pipe Tobacco", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€23.96 per kg."; u

(i) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Chewing Tobacco and Snuff", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€32.82 per kg.".

**36.** Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

(a) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Leaded Petrol", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€588.18 per 1,000 litres";

(b) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Unleaded Petrol", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€469.38 per 1,000 litres";

(ċ) minflok il-kliem "Gas Oil falling within CN Codes 2710.19.41 to 2710.19.49 excluding Gas Oil falling within 2710.19.49 if used for heating purposes" fil-kolonna "Description of Excise Goods" tagħha għandhom jidħlu l-kliem "Gas Oil falling within CN Codes 2710.19.41 to 2710.19.49 and blends of the foregoing with Biodiesel, excluding Gas Oil or

VERŻJONI ELETTRONIKA



Gas Oil blended with Biodiesel, with a sulphur content not exceeding 0.1% sulphur by weight if used for heating purposes"; u minflok il-kliem "€352.40 per 1000 litres" fil-kolonna "Rate of Excise Duty" relativa tagħha għandhom jidħlu l-kliem "€382.40 per 1000 litres";

(d) minflok il-kliem "Gas Oil falling within CN 2710.19.49 if used for heating purposes" fil-kolonna "Description of Excise Goods" tagħha għandhom jidħlu l-kliem "Gas Oil or Gas Oil blended with Biodiesel, with a sulphur content not exceeding 0.1% sulphur by weight if used for heating purposes"; u minflok il-kliem "€96.79 per 1000 litres" fil-kolonna "Rate of Excise Duty" relativa tagħha għandhom jidħlu l-kliem "€142.09 per 1000 litres";

(e) minflok il-kliem "Biodiesel (a mixture of biomass and gas oil)" fil-kolonna "Description of Excise Goods" tagħha għandhom jidħlu l-kliem "Biodiesel, a diesel quality liquid fuel produced from biomass or waste cooking oil, with an ester content of not less than 96.5% by weight and a sulphur content not exceeding 0.005%, whether in blend or not"; u minflok il-kliem "€352.40 per 1000 litres" fil-kolonna "Rate of Excise Duty" relativa tagħha għandhom jidħlu l-kliem "€382.40 per 1000 litres";

(f) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Heavy Fuel Oil", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€30.00 per 1000 Kgs.";

(g) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Kerosene", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€382.40 per 1000 litres";

(h) fil-kolonna "Rates of Excise Duty" tagħha, minflok il-kliem li hemm fir-rigward tal-partita "Electricity", għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"€1.50 per MWh"; u

(i) il-kliem li ġejjin fil-kolonna "Description of Excise Goods" taħt l-intestatura "EXEMPTIONS" għandhom jitħassru:

"The biomass content (i.e. the percentage element) in Biodiesel is exempted from the payment of excise duty

VERŻJONI ELETTRONIKA



under fiscal control where such energy products are made up of, or contain, one or more of the following products:

- products falling within CN Codes 1507 to 1518;

- products falling within CN Codes 3824.90.55 and 3824.90.80 to 3824.90.99 for their components produced from biomass;

- products falling within CN Codes 2207.20.00 and 29 05 11 00 which are not of synthetic origin;

- products produced from biomass, including products falling within CN Codes 4401 and 4402;

- products which contain water (CN Codes 2201 and 2851.00.10).

"Biomass" shall mean the biodegradable fraction of products, waste and residues from agriculture (including vegetal and animal substances), forestry and related industries, as well as the biodegradable fraction of industrial and municipal waste.".

Żjieda ta' Skeda ġdida mal-Att prinċipali.

**37.** Minnufih wara l-Ħames Skeda tal-Att prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA ĦAMSA A

| Description of excise goods | Rate of Excise Duty |
|---|---|
| **Portland Cement** excluding white cement | €9.00 per 1000 Kgs". |

## TAQSIMA VII

Emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Kap.406.

**38.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru tal-Finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

**39.** Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Il-Kummissarju jista', għall-għanijiet ta' dan l-Att, jikkanċella kull stima provviżorja li jkun ħareġ, u joħroġ stima provviżorja ġdida, u dan il-kancellament għandu jkun bla preġudizzju li joħroġ stima provviżorja ġdida li tkun meħtieġa toħroġ taħt dan l-Att minnflok l-istima provviżorja kkanċellata li għandha titqies li qatt ma ħarġet.

Din l-istima provviżorja ġdida għandha tinħareġ fiż-żmien perentorju speċifikat fis-subartikolu (1).".

Emenda tal-artikolu 77 tal-Att prinċipali.

**40.** L-artikolu 77 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "dokumenti jew kontijiet;" għandhom jidħlu l-kliem "dokumenti jew kontijiet, jew tkun fil-pussess ta' jew tforni lil xi persuna oħra xi programm ta' *software* li jista' jħassar, jiddistruġġi, jiddanneġġa jew jaħbi xi tagħrif maħżun jew xi *records*, dokumenti jew kontijiet;";

(b) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali" għandhom jidħlu l-kliem "li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali jew tonqos milli tipprovdi lill-Kummissarju, mingħajr ebda raġuni valida, il-kopji kollha ta' kull riċevuta fiskali manwali kemm użata kif ukoll mhux użata meta jkunu meħtieġa mill-Kummissarju"; u

(ċ) minflok il-kliem "tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) u, ħlief għall-paragrafu (p), għal multa addizzjonali ta' għaxar darbiet it-taxxa perikolata, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dawk il-multi u priġunerija flimkien.", għandhom jidħlu l-kliem li ġejjin:

"tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja -

(i) multa ta' mhux inqas minn sitt elef euro (€6,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) fil-kaz ta' reati taħt il-paragrafi (ċ) u (d); u

(ii) multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) fil-każ ta' reati taħt il-paragrafi l-oħra,